# Il-Kappella ta' San Elija fil-Knisja tal-Lunzjata fl-Imdina

*Mario Fenech*

Il-Knisja tal-Lunzjata fl-Imdina li hija mmexxija mill-Patrijiet Karmelitani għandha storja interessanti ħafna. Din tiġbor fiha mhux biss dak li bil-ħidma tal-Patrijiet seħħ matul is-snin li dawn ilhom fl-Imdina, iżda wkoll ġrajja twila ta' nobbiltà fejn il-familji l-kbar li kellhom il-palazzi jew id-djar tagħhom fl-Imdina, taw il-kontribut tagħhom biex saru numru ta' Opri Sagri ta' livell artistiku għoli f'din il-knisja.

Eżempju ta' dan neħduh minn dak li seħħ biex illum f'din il-knisja hemm il-Kappella ta' San Elija. Fis-sena 1714 il-Patrijiet kienu għamlu kuntratt mal-membri tal-familja tan-Nobbli Ferdinardo Castelletti biex dawn jieħdu ħsieb iwaqqfu altar iddedikat lil San Franġisk Saverju. Dan kellu jkun jaqbel max-xogħol u d-disinn li diġà kien hemm fil-knisja.

L-artist Francesco Ariet tqabbad biex jagħmel il-kwadru ta' fuq l-altar. F'din it-tila kien hemm max-xbieha ta' dan il-qaddis dawk ta' San Franġisk minn Paola u Sant' Anġlu. Fis-sena 1716 ix-xogħol kollu li kellu jsir kien lest



u l-istess familja Castelletti bdiet iżżejjen l-altar jew aħjar din il-kappella b'numru ta' Opri Sagri sbieħ.



Fis-sena 1720 żdied il-kwadru ta' San Elija fil-parti ta' fuq tal-kappella u fis-sena 1776 Patri Beninju Debono ħallas biex saret l-istatwa ta' San Elija fuq dan l-altar.

Ta' min jgħid li din l-istatwa li hija xogħol maħdum fl-injam, kienet saret biex titpoġġa fuq l-antiporta tal-bieb il-kbir tal-knisja fl-1746 u wara li għamlet żmien fuq l-altar tpoġġiet fuq altar żgħir li hemm fis-sagristija fejn għada hemm sal-lum.

Il-kwadru ta' San Franġisk Saverju dam fuq l-altar sas-sena 1850 meta l-artist Michele Bellanti għamel iż-żewġ kwadri ta' San Elija u tal-Madonna tal-Karmnu. Il-kwadru l-antik fil-preżent qiegħed f'waħda mis-swali tal-Kunvent li hemm anness mal-knisja.

Fis-sena 1858 l-iskultur Antonio Busuttil naqqax fil-ġebla Maltija statwa tal-qaddis li wara ġiet indurata minn Antonio Galdes. Dawn l-istess żewġ artisti komplew ix-xogħol ta' dekorazzjoni fuq l-altar tal-kappella.

L-aħħar bidla kbira f'din il-kappella saret ftit tas-snin ilu meta ġie mibdul l-altar li kien tal-ġebel mal-altar tal-lum li huwa xogħol fl-irħam. Iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tiegħu tmexxiet mill-Isqof Mons. Salvatore Gaffiero nhar is-27 ta' Ġunju 1990.

Fl-istess kappella hemm ukoll in-niċċa li fiha tinżamm matul is-sena l-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol l-iskultur Andrea Imbroll.

Dawn l-opri li nsibu f'din il-kappella ta' San Elija kif ukoll fil-knisja saru bil-ġenerożità tal-familji devoti tal-Madonna bit-titlu tal-Karmelu. Bosta minn dawn il-familji ħallew l-arma tal-kunjom tagħhom fuq dawn l-opri li llum wieħed jista' japprezzahom kemm fil-knisja kif ukoll b'mod tajjeb fil-Mużew li hemm f'parti mill-kunvent tal-patrijiet Karmelitani tal-Imdina.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd